

Dispożittiv

- 1) Il-kunċetti ta' "kanċellazzjoni", ta' "xoljiment" u ta' "hall" użati fl-Artikolu 90(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jinkludu l-każ fejn, fil-kuntest ta' kuntratt ta' leasing tat-tip close-end, il-persuna li tagħti b'kera ma tistax iktar titlob il-ħlas tal-kera mingħand il-kerrej minħabba l-fatt li xolja l-kuntratt ta' leasing minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt mill-kerrej.
- 2) Fil-każ li kuntratt ta' leasing intemm definittivament minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-pagamenti dovuti mill-kerrej, il-persuna li tagħti b'kera tista' tinvoka l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 fil-konfront ta' Stat Membru sabiex tikseb it-tnaqqis tal-valur taxxabli tat-taxxa fuq il-valur miżjud, minkejja li d-dritt nazzjonali applikabbli, minn naħa, jikklassifika tali każ bħala "nuqqas ta' ħlas" fis-sens tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u, min-naħa l-oħra, ma jippermettix tnaqqis tal-valur taxxabli f'każ ta' nuqqas ta' ħlas.

(¹) ĠU C 364, 3.10.2016.

Appell ippreżentat fis-27 ta' April 2017 minn Hernández Zamora, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fis-17 ta' Frar 2017 fil-Kawża T-369/15 – Hernández Zamora, SA vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-224/17 P)

(2017/C 412/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Hernández Zamora, SA (rappreżentant: J.L. Rivas Zurdo, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Rosen Tantau KG

Permezz ta' digriet tad-19 ta' Ottubru 2017 il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija

(Kawża C-235/17)

(2017/C 412/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Malferrari u L. Havas, aġenti)

Konvenuta: L-Ungarija

Talbiet

— tiddikjara li L-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 49 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi adottat leġislazzjoni li tillimita l-użufrutt ta' artijiet produttivi.

— tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.